DIRETTORAT GĦAL
KWALITA` U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
FLORIANA VLT 2000
MALTA

DIRECTORATE FOR
QUALITY AND STANDARDS IN EDUCATION
FLORIANA VLT 2000
MALTA

## Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u eLearning

**Tel:** **2598 2449 / 2598 2478 / 2598 2480** **Fax:** **2598 2149**

**ĊIRKULARI**

**Informazzjoni:** X **Data:** 8 t'Ottubru 2012

**Azzjoni:** X **Ref:** CMeLD 160/2012

**Lill-:** Prinċipali tal-Kulleġġi, Kapijiet u l-Assistenti Kapijiet tal-Iskejjel Primarji tal-Istat, Għalliema, Assistenti tal-Kinder, LSAs u Sezzjonijiet

**Mingħand:** David Agius-Muscat, George Mifsud, David Muscat - Uffiċjali Edukattivi tal-Malti

**Suġġett:** It-Tqassim tal-Kartelluni u d-Diski Kompatti tal-Ferħ u Awguri

---

Ftit tax-xhur ilu d-Dipartiment tal-Kurrikulu u eLearning u l-Kunsill Nazzjonali tal-Malti nedew il-*Ferħ u Awguri*, l-għanja qasira li titkanta f'għeluq snin xi ħadd. Il-kliem bil-Malti sar mill-Prof. Manwel Mifsud u jitkanta fuq il-mużika tradizzjonali tal-*Happy Birthday*. Fl-istess waqt saru wkoll *Qalbu Tajba* u *Qalbha Tajba*, li jitkantaw fuq il-mużika ta' *He's a Jolly Good Fellow*.

Tul din is-sena skolastika l-Uffiċjali Edukattivi tal-Malti se jduru l-iskejjel primarji kollha u se jqassmu diska kompatta bil-*Ferħ u Awguri*, *Qalbu Tajba* u *Qalbha Tajba*. Se jqassmu wkoll kartellun bil-kliem tal-kanzunetti li ġie ddisinjat minn Trevor Żahra.

Ikun sabiħ li l-kartellun jitwaħħal f'kull klassi u meta xi ħadd fil-klassi jagħlaq sninu jitkantawlu l-*Ferħ u Awguri*, *Qalbu Tajba/Qalbha Tajba*, bis-saħħa tad-diska kompatta.

Il-kliem huwa mehmuż ma' din iċ-ċirkulari.

Dawn l-għanjiet qegħdin ukoll fil-YouTube u jistgħu jitniżżlu mis-sit uffiċjali tal-Malti: **http://malti.skola.edu.mt**

Grazzi tal-attenzjoni.

**Sandro Spiteri**
**Direttur tal-Kurrikulu u eLearning**

# Il-kliem

**Għeluq Sninek**
**(Titkanta fuq tal-*Happy Birthday*)**

Ferħ u awguri f'dal-jum,
għeluq sninek illum.
Ferħ u awguri (...)
Ferħ u awguri f'dal-jum.

**Qalbu Tajba**
**(Titkanta fuq *He's a Jolly Good Fellow*)**

Kemm għandu qalbu tajba. (X3)
U bih aħna kburin. (X2)
U bih aħna kburin.
Kemm għandu qalbu tajba. (X3)
U bih aħna kburin.

**Qalbha Tajba**
**(Titkanta fuq *He's a Jolly Good Fellow*)**

Kemm għandha qalbha tajba. (X3)
U biha aħna kburin. (X2)
U biha aħna kburin.
Kemm għandha qalbha tajba. (X3)
U biha aħna kburin.

**Dawn l-għanjiet qegħdin ukoll fil-YouTube u jistgħu jitniżżlu mis-sit uffiċjali tal-Malti: http://malti.skola.edu.mt**